Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,712, 26 ta' Novembru, 1998
Taqsima B

A.L. 254 ta' l-1998

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI FINANZJARJA U L-VERIFIKA (KAP. 174)

Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Finanzi Ġenerali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, il-Ministru tal-Finanzi għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Finanzi Ġenerali, u għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Finanzi Ġenerali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 40 ta' l-1966.

Jemenda r-regolament 75 tar-regolamenti prinċipali

2. Minflok il-kliem "Ma għandu jsir ebda ħlas għal xi servizz jew provvista" fir-regolament 75 tar-regolamenti prinċipali għandhom jidħlu l-kliem "Sakemm ma jiġix xort' oħra awtorizzat bil-miktub mill-Ministru, ebda ħlas ma għandu jsir għal xi servizz jew provvista"; u minnufih fi tmiem dak l-istess regolament għandu jiżdied dan il-proviso li ġej:

> "Iżda l-Ministru jista' iktar minn ħekk jawtorizza bil-miktub li fondi li jkunu ġew approprjati f'xi sena finanzjarja għal xi skop għandhom jitqiegħdu f'kont separat minn fejn dawk il-fondi jkunu jistgħu jinħarġu, wara tmiem dik is-sena finanzjarja li għaliha jkunu ġew approprjati dawk il-fondi, għall-iskopijiet li għalihom dawk il-fondi jkunu ġew oriġinarjament approprjati; iżda kull ammont żejjed li jibqa' f'dan il-kont għandu, mal-għeluq ta' dak il-kont, jiġi trasferit għall-Fond Konsolidat.".